

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000011/2015**

### **lill-Kunsill**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Judith Sargentini, Ulrike Lunacek, Jean Lambert, Josep-Maria Terricabras, Eva Joly, Jan Philipp Albrecht, Heidi Hautala, Bodil Ceballos, Benedek Jávor, Pascal Durand, Sven Giegold**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Il-monitoraġġ tal-istat tad-dritt u l-valuri bażiċi tal-UE fl-Istati Membri

L-istat tad-dritt huwa msemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE bħala wieħed mill-valuri li fuqu hija mwaqqfa l-Unjoni, flimkien mar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu lill-minoritajiet. L-istat tad-dritt huwa msemmi wkoll fil-preamboli għat-TUE u għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-valuri u l-prinċipji msemmija hawn fuq mhumix effettivament garantiti, jew protetti b'mod uguali, fl-Istati Membri kollha. L-attakki kontra l-libertà tal-espressjoni, ir-restrizzjonijiet tal-libertà tal-midja, l-anti-Semitiżmu, l-atteġġjament kontra ż-żingari, l-Islamofobija, l-Afrofbija, is-sessiżmu, il-lesbofobija, l-omofobija u t-transfobija qed jiżdedu. Hemm ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi f'diversi Stati Membri, u l-prinċipju tal-istat tad-dritt huwa mhedded.

L-UE teħtieġ strument effettiv supplimentari għal Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għal sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jipprovdu ħarsien minn diskriminazzjoni, marġinalizzazzjoni u persekuzzjoni. Teżisti ħtieġa partikolari għal mekkaniżmu ta' sorveljanza fuq id-diskriminazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi. Il-Parlament talab għal tali mekkaniżmu f'diversi okkażjonijiet, inizjalment fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija<sup>1</sup> u l-aktar reċenti fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2012)<sup>2</sup> u tat-12 ta' Marzu 2014 dwar l-evalwazzjoni tal-ġustizzja fir-rigward tal-ġustizzja kriminali u l-istat tad-dritt<sup>3</sup>.

Fil-11 ta' Marzu 2014 il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni b'qafas biex tissalvagwardja l-istat tad-dritt (COM(2014)0158). Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill iddeċieda li jibda djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt, li huwa pass fid-direzzjoni t-tajba iżda mhux mekkaniżmu effikaċi għal valutazzjoni regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-valuri fundamentali tal-UE li talab il-Parlament.

– Il-Kunsill kif se jipproċedi biex iwaqqaf mekkaniżmu effikaċi sabiex tiġi salvagwardjata d-difiża tal-valuri fundamentali tal-UE fl-Istati Membri skont id-dikjarazzjoni tiegħu tal-2013 li r-"rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali"?

Imressqa: 3.2.2015

Mgħoddija: 4.2.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 25.2.2015

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0315.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0173.

<sup>3</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0231.